**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum,**

17 ta’Jannar 2023

Rikors Numru: 418/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1411/2004)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet fuq premessi żżewġu ċivilment ġewwa l-Belt Valletta, f' Malta, fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (14/08/2004), liema kopja tal-estratt mill Att taż-żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. IC1'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal u cioe' E D u F D, tewmin ta' sbatax (17)-il sena, li twieldu fil-ħmistax ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (15/11/2004), detenturi tal-karta tal-identita' bin-numru X u X rispettivament, liema ċertifikati tat-twelid tagħhom jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. IC2' u 'Dok. IC3' rispettivament.

3. Illi l-partijiet fuq premessi ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Gianluca Sciberras mill-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), kopja legali ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. IC4', liema kuntratt ta' separazzjoni ġie ppublikat in segwitu ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti bin-numru 964/21 datat t-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema kopja tal-istess digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. IC5'.

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal numru ta' snin, preċiżament, sa' mit tmienja (08) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

5. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur wieħed jew l-oħra, stante illi skont Klawsola erbgħa (4) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni suċċitat, l-istess partijiet iddekadew irrevokabbilment għad-dritt li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri stante illi l-konvenut gia rċieva mingħand l-esponenti, manteniment adegwat għall minuri E D u F D stante illi kif hemm provdut f'klawsola 32 tal-att ta' separazzjoni suċċitat, l-esponenti saldat intierament l-obbligu tagħha li tipprovdi manteniment versu uliedha billi ttrasferiet s-sehem tagħha tan-nofs (1/2) indiviz tad-dgħajsa tal-għamla Eolo numru sebgħa, tlieta, zero (730) Day H.B.S. u li għandha n numru ta' registrazzjoni ittra 'S' numri tnejn, tnejn, tnejn, disgħa, erbgħa (S22294), liema sehem tan-nofs indiviż tal-imsemmija dgħajsa għandu l-valur ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000). Barra minn hekk, l-esponenti tħallas ukoll kwalsjesi spejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess uliedi minuri.

7. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom l-fuq minn sena

legalment separati, u kważi sentejn de facto sseparati, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

8. Illi l-esponenti ħejjiet l-anness affidavit, mmarkat 'Dok. IC6', li permezz tiegħu qed tikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern.

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Talab lill-intimata tghid ghaliex il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66B u 66ċ tal-Kodiċi Ċivili:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (14/08/2004); u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi li mhux qed joggezzjona ghat-talbiet tal-attrici ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u sabiex tali jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Illi l-esponenti joggezzjona li huwa ghandu jbati xi spejjez ta’ dawn il-proceduri u f’dan ir-rigward jeccepixxi li l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attrici stante illi hija resqet it-talbiet odjerni.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Settembru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.